MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**JOSEPH BONNICI**

Seduta tas-16 ta' Gunju, 2003

Talba Numru. 709/2003

**GasanMamo Insurance Agency Limited u din ghan-nom u in rappresentanza tas-socjeta' estera CGU Insurance plc hekk kif surrogata fid-drittijiet ta' l-assikurat taghha Poseidon Pools Ltd, sija bil-polza**
**u sija bil-ligi u l-istess Poseidon Pools Ltd.**

**Vs**

**Wayne Wingfield**

**It-Tribunal**

**Wara li ra t-talba attrici ghall-kundanna tal-konvenut ghall-hlas ta' mitejn u sebgha u sebghin lira Maltin u tmienja u hamsin centezmu (LM277.58) rappresentanti danni kagunati f'incident awtomobilistiku tal-5 ta' Awissu, 2002, fin-Naxxar, bejn il-vettura bin-numru CAM 114 misjuqa mill-konvenut, u l-vettura numru BAF 372 misjuqa minn John Abela u propjeta' tal-assikurat tas-socjeta' mittenti Poseidon Pools Ltd.,**

**liema vettura kienet assikurata taht polza 'comprehensive' mas-socjeta' attrici u li ghalhekk ghamlet tajjeb ghad-danni kkagunati fuq il-vettura ta' l-assikurat taghha, liema incident sehh unikament tort tal-konvenut minhabba traskuragni, imperizja u nuqqas ta' osservanza tar-regolamenti tat-traffiku da parti tieghu.**

**L-ammont mitlub jinkludi hamsa u ghoxrin Lira Maltin (LM25) 'Excess' imhallsa mill-attur Poseidon Pools Ltd., li kienet assikurata taht polza 'comprehensive' mas-socjeta' attrici.**

**Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-ittra ufficjali pprezentata kontestwalment ma' dan l-avviz kontra l-assikurazzjoni tal-konvenut, u dawk tal-ittra ufficjali tat-tnax ta' Dicembru, 2002, u bl-imghax pagabbli mit-12 ta' Dicembru, 2002, sal-hlas effettiv, kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni.**

**Ra li l-konvenut baqa' ma prezentax risposta ghalkemm debitament notifikat;**

**Sema' lil Avukat Dr. Katya Azzopardi jikkonferma bil-gurament li l-ammont mitlub ghadu ma thallasx;**

**Jiddeciedi billi jilqa' t-talba attrici u jikkundanna l-konvenut ihallas is-somma ta' hames mija u seba u sebghin lira Maltin u tmienja u hamsin centezmu (LM277.58) bl-ispejjez u bl-interessi skond il-ligi.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------